2024/1986

16.7.2024

DIRETTIVA DELEGATA TAL-KUMMISSJONI (UE) 2024/1986

tas-6 ta' Mejju 2024

li temenda d-Direttiva tal-Kunsill (UE) 2019/997 fir-rigward tal-parti li tinqara bil-magna tad-Dokument Provviżorju tal-Ivvjaġġar tal-UE

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill (UE) 2019/997 tat-18 ta' Ġunju 2019 li tistabbilixxi Dokument Provviżorju tal-Ivvjaġġar tal-UE u li tħassar id-Deċiżjoni 96/409/PESK ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 8(3) tagħha,

Billi:

(1) Id-Direttiva (UE) 2019/997 tistabbilixxi regoli dwar il-kundizzjonijiet u l-proċedura għal ċittadini mhux rappreżentati f'pajjiżi terzi biex jiksbu Dokument Provviżorju tal-Ivvjaġġar (ETD, Emergency Travel Document) tal-UE ("ETD tal-UE") u tistabbilixxi format uniformi għal tali dokument.

(2) F'konformità mal-Artikolu 8 tad-Direttiva (UE) 2019/997, l-ETDs tal-UE għandhom jikkonsistu f'formola uniformi tal-ETD tal-UE u sticker uniformi tal-ETD tal-UE. Il-formola u l-isticker għandhom ikunu konformi mal-ispeċifikazzjonijiet stabbiliti fl-Annessi I u II ta' dik id-Direttiva u mal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi addizzjonali stabbiliti f'konformità mal-Artikolu 9 ta' dik id-Direttiva. Meta l-isticker uniformi tal-ETD tal-UE timtela, għandhom jimtlew it-taqsimiet stabbiliti fl-Anness II tad-Direttiva (UE) 2019/997 u għandha timtela l-parti li tista' tinqara bil-magni, f'konformità mal-parti 3 tad-Dokument 9303 tal-Organizzazzjoni tal-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali (International Civil Aviation Organization, ICAO).

(3) Il-punt 10 tal-Anness II tad-Direttiva (UE) 2019/997 jipprevedi li l-isticker uniformi tal-ETD tal-UE għandha jkun fiha l-informazzjoni rilevanti li tinqara bil-magni f'konformità mad-Dokument 9303 tal-ICAO biex jiġu ffaċilitati l-kontrolli fil-fruntieri esterni. L-ittri kapitali "AE" għandhom jintużaw bħala l-ewwel żewġ karattri tal-parti li tista' tinqara mill-magni biex id-dokument ikun indikat bħala Dokument Provviżorju tal-Ivvjaġġar tal-UE.

(4) Meta ġiet adottata d-Direttiva (UE) 2019/997, l-istandards tal-ICAO ma kienx fihom regoli speċifiċi dwar l-ewwel żewġ karattri li għandhom jintużaw fil-parti li tinqara bil-magna tad-dokumenti provviżorji tal-ivvjaġġar.

(5) Fil-kuntest tal-laqgħa tiegħu tas-26 ta' Frar sal-1 ta' Marzu 2024, il-Bord ta' Faċilitazzjoni tal-ICAO approva l-użu tal-ittri kapitali "PU" f'dokumenti provviżorji tal-ivvjaġġar fuq folja waħda.

(6) Sabiex jiġi żgurat li l-ETD tal-UE jibqa' allinjat mal-progress tekniku fl-istandards internazzjonali għal tali dokumenti, huwa meħtieġ li r-referenza għall-ittri kapitali "AE", bħala l-ewwel żewġ karattri tal-parti li tinqara bil-magna fl-Anness II tad-Direttiva (UE) 2019/997, tiġi sostitwita bl-ittri kapitali "PU".

(7) Għalhekk, jenħtieġ li d-Direttiva (UE) 2019/997 tiġi emendata skont dan.

(8) Sabiex jiġi żgurat li d-Direttiva (UE) 2019/997 tkun kompletament konformi mal-progress tekniku mid-data tal-bidu tal-applikazzjoni tagħha kif deċiż b'referenza għall-adozzjoni tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/2452 ([2]), l-istandard tekniku stabbilit f'din id-Direttiva jenħtieġ li jkun applikabbli mid-data meta tibda tapplika d-Direttiva (UE) 2019/997,

([1]) ĠU L 163, 20.6.2019, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2019/997/oj

([2]) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/2452 tat-8 ta' Diċembru 2022 li tistabbilixxi speċifikazzjonijiet tekniċi addizzjonali għad-Dokument Provviżorju tal-Ivvjaġġar tal-UE stabbilit bid-Direttiva tal-Kunsill (UE) 2019/997 (ĠU L 320, 14.12.2022, p. 47, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec_impl/2022/2452/oj).

ADOTTAT DIN ID-DIRETTIVA:

Artikolu 1

Fl-Anness II tad-Direttiva (UE) 2019/997, il-punt 10 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"10. L-istiker uniformi tal-ETD tal-UE għandha tinkludi l-informazzjoni rilevanti li tista' tinqara mill-magni f'konformità mad-Dokument 9303 tal-ICAO biex tiffaċilita l-kontrolli fil-fruntieri esterni. L-ittri kapitali "PU" għandhom jintużaw bħala l-ewwel żewġ karattri tal-parti li tista' tinqara bil-magna biex id-dokument ikun indikat bħala Dokument Provviżorju tal-Ivvjaġġar tal-UE. Il-parti li tista' tinqara mill-magni għandha tinkludi test stampat fl-istampar tal-isfond viżibbli bil-kliem "Unjoni Ewropea" bil-lingwi uffiċjali kollha tal-Unjoni. Dak it-test ma għandux jaffettwa l-karatteristiċi tekniċi tal-parti li tista' tinqara mill-magni jew il-fakultà li din tkun tista' tinqara.".

Artikolu 2

1. L-Istati Membri għandhom jadottaw u jippubblikaw, sa mhux aktar tard mid-9 ta' Diċembru 2024, il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa biex ikunu konformi ma' din id-Direttiva. Huma għandhom jikkomunikaw minnufih it-test ta' dawk id-dispożizzjonijiet lill-Kummissjoni.

Huma għandhom japplikaw dawk id-dispożizzjonijiet mid-9 ta' Diċembru 2025.

Meta l-Istati Membri jadottaw dawk id-dispożizzjonijiet, fihom għandu jkun hemm referenza għal din id-Direttiva jew għandhom ikunu akkumpanjati minn dik ir-referenza meta ssir il-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. Huma l-Istati Membri li għandhom jiddeċiedu kif issir dik ir-referenza.

2. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test tad-dispożizzjonijiet prinċipali tad-dritt nazzjonali li jadottaw fil-qasam kopert minn din id-Direttiva.

Artikolu 3

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Artikolu 4

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, is-6 ta' Mejju 2024.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN